# Dikjarazzjoni tal-Garanzija tal-Ħżin mill-Konsumatur ta' SAMSUNG

JEKK JOGĦĠBOK AQRA B'ATTENZJONI T-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET LI ĠEJJIN QABEL L-UŻU TAL-PRODOTT IPPROVDUTI MINN SAMSUNG ELECTRONICS CO., LTD. (“SAMSUNG”). L-UŻU TIEGĦEK TAL-PRODOTT JIKKOSTITWIXXI L-QBIL MAT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET TA' DIN ID-DIKJARAZZJONI TAL-GARANZIJA TAL-ĦŻIN MILL-KONSUMATUR BID-DITTA SAMSUNG ("QBIL") JEKK MA TAQBILX MAT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET TA' DAN IL-FTEHIM, TUŻAX IL-PRODOTT.

### A. Politika ta' Garanzija

SAMSUNG tiggarantixxi lix-xerrej ta' dan il-prodott fl-imballaġġ issiġillat oriġinali tiegħu ("Lilek") li, matul il-Perjodu ta' Garanzija stabbilit hawn taħt, il-prodott, taħt użu normali, se jkun ħieles minn difetti fil-materjal u fil-ħidma tiegħu u jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott ippubblikati ta' SAMSUNG, soġġett għall-kundizzjonijiet iddikjarati hawn.

Fil-każ li SAMSUNG tiddetermina, fid-diskrezzjoni unika tagħha, li l-prodott fih difetti materjali u ma jikkonformawx b'mod sostanzjali mal-ispeċifikazzjonijiet ippubblikati skont l-użu normali, diment li Inti tkun is-sid tal-prodott, SAMSUNG sejra, fuq għażla tagħha u soġġett għall-kundizzjonijiet u għall-eċċezzjonijiet iddikjarati f'dan il-Ftehim, jew: (1) tissostitwixxi l-prodott b'wieħed ekwivalenti jew b'wieħed b'kapaċità u b'funzjonalità ikbar; jew (2) tirrifondi l-prezz tax-xiri Tiegħek, nieqes xi skontijiet applikabbli. Tista' tkun meħtieġa prova tax-xiri li turi informazzjoni inkluż iżda mhux limitata mad-data u l-post tax-xiri u l-isem tal-bejjiegħ.

DAN IL-FTEHIM JISTABBILIXXI R-RESPONSABILTÀ KOLLHA TA' SAMSUNG U R-RIMEDJU ESKLUSSIV DISPONIBBLI GĦALIK GĦALL-PRETENSJONI TAL-GARANZIJA. SAMSUNG TIĊĦAD IL-GARANZIJI ESPLIĊITI U IMPLIĊIITI OĦRAJN KOLLHA, INKLUŻ IŻDA MHUX LIMITATI GĦAL KWALUNKWE GARANZIJA IMPLIĊITA TA' KUMMERĊJABILITA, IDONEITA GĦAL GĦAN JEW NUQQAS TA' KSUR PARTIKOLARI. FL-EBDA KAŻ MA GĦANDHA SAMSUNG, IL-FORNITURI TAGĦHA JEW KWALUNKWE AFFILJAT IKUN RESPONSABBLI GĦAL KWALUNKWE ĦSARA INDIRETTA, KONSEGWENZJALI, INĊIDENTALI JEW ĦSARAT SPEĊJALI, KWALUNKWE TELF FINANZJARJU JEW KWALUNKWE DATA MITLUFA JEW FAJL MITLUF, ANKI JEKK SAMSUNG TKUN ĠIET AVŻATA BIL-POSSIBILITÀ TA' TALI ĦSARA U MINKEJJA L-FALLIMENT TAL-GĦAN ESSENZJALI TA' KWALUNKWE RIMEDJU LIMITAT. IR-RESPONSABILITà TA' SAMSUNG F'EBDA KAŻ MHIJA SE TAQBEŻ L-AMMONT IMĦALLAS MINNEK GĦALL-PRODOTT. DAWN IL-LIMITAZZJONIJIET U L-ESKLUŻJONIJIET JAPPLIKAW GĦALL-MASSIMU PERMESS MIL-LIĠI APPLIKABBLI JEKK GARANZIJI IMPLIĊITI MA JISTGĦUX JIĠU RINUNZJATI SKONT LIĠIJIET APPLIKABBLI, ALLURA SAL-MASSIMU PERMESS, TALI GARANZIJI IMPLIĊITI HUMA LIMITATI GĦAD-DURATA TAL-GARANZIJA ESPLIĊITA.

### B. Perjodu ta' Garanzija

| Prodott | | Perjodu |
|---|---|---|
| Kard | EVO Plus, PRO Plus, EVO, PRO, Plus, PRO Select, UFS, PRO Ultimate | 10 – snin limitat |
| | Basic(Standard) | 5 – snin limitat |
| | SD Express | 3 – snin limitat |
| UFD (USB Flash Drive) | | 5 – snin limitat |

Din il-garanzija tapplika biss għat-tipi ta' prodotti speċifikati fuq.

Il-Perjodu ta' Garanzija fuq kwalunkwe prodott ta' sostituzzjoni se jkun il-porzjon li jifdal tal-Perjodu ta' Garanzija mogħti fuq il-prodott mixtri oriġinarjament Tiegħek ("prodott oriġinali").

## Ċ. Limitazzjonijiet tal-garanzija

Il-garanziji pprovduti hawnhekk **ma jestendux** għal kwalunkwe użu tal-prodott għal jew għal strumenti ta' rekordjar kontinwi jew għal kwalunkwe apparat ieħor li huwa intensiv fil-kitba, inkluż mingħajr limitazzjoni kameras tas-sigurtà, sistemi ta' sorveljanza, kameras ta' dashboard, kameras bi black box, protokoll tal-internet/kameras ta' netwerk, apparat top box ta' sett ta' rekordjar kontinwu, apparat ta' lloggjar ta' data kontinwa bħal servers, apparat iddedikat għal testijiet ta' benchmarking, jew id-drajv primarju għal ċertu apparat, u kwalunkwe użu eċċessiv ieħor.

SAMSUNG mhijiex responsabbli għal kwalunkwe ħsara jew difett li jirriżultaw mill-preżenza ta' jew l-użu ma' prodott, softwer jew komponent ta' parti terza, kemm jekk awtorizzata kif ukoll jekk le. Din il-garanzija tiġi nulla jekk il-prodott ma jintużax b'konformità stretta mal-istruzzjonijiet tiegħu jew ikun bi ħsara bħala riżultat ta' installazzjoni mhux xierqa, użu ħażin, tiswija mhux awtorizzata, modifika jew aċċident. Fil-każ ta' sostituzzjonijiet, is-sjieda tal-prodott oriġinali sejra tiġi ttrasferita lil SAMSUNG u SAMSUNG mhux se tirritorna prodott oriġinali Lilek. L-irkupru tad-data mhuwiex kopert taħt din il-garanzija u mhuwiex parti mill-proċess ta' sostituzzjoni. Fl-ebda każ ma għandha SAMSUNG tinżamm responsabbli għal telf jew tħassir ta' data.

Inti taqbel li l-prodott ma għandux jintuża fi kwalunkwe sistema ta' appoġġ għall-ħajja jew f'applikazzjonijiet oħrajn fejn falliment jista' jikkawża korriment jew jhedded il-ħajja. SAMSUNG tiċħad kwalunkwe responsabilità relatata ma', u li tirriżulta minn kwalunkwe użu bħal dan tal-prodott.

Il-garanzija ta' SAMSUNG ma tkoprix prodotti li, perżempju, ġew riċevuti ppakkjati ħażin, mibdulin jew fiżikament bi ħsara, kif deskritt ulterjorment fil-lista ta' hawn taħt. Il-prodotti għandhom jiġu spezzjonati malli jiġu rċevuti. Tista' tirreferi għal lista mhux eżarjenti ta' eżempji tal-limitazzjonijiet tal-garanzija hawn taħt.

- Ippakkjati jew trasportati b'mod mhux xieraq, inkluż l-użu ta' kontejner(s) ta' trasbord mhux kwalifikati
- Kwalunwke alterazzjoni, modifika jew ħsara fiżika tal-prodott, inkluż iżda mhux limitata għal grif fond

Is-servizz ta' garanzija ma jistax jiġi pprovdut jekk il-prodott ma jiġix ritornat għal ċentru ta' ritorn awtorizzat fir-reġjun tax-xiri Tiegħek. Inti bil-preżenti tagħraf u taqbel li kull reġjun jista' jkollu implikazzjonijiet ta' garanzija speċifiċi reġjonali li jistgħu jibdlu t-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-Ftehim fl-applikazzjoni speċifika tiegħu Lilek.